Nazzareno Fenech kien dahhal vetturi godda ghal Malta biex igorr il-passiggiera. L-Awtorita` kienet infurmatu li kellu jaghmel xi tibdiliet biex ikunu jistghu jaghtuh licenzja fuq it-toroq ta' Malta. Dan ghamilhom u talab ghall-licenzja. Issa il-ligi dak iz-zmien kienet regolata bl-artikolu 27 tal-Kap. 332 fejn kienet tirrikjedi li biex ma jinghatax permess tas-sewqan ta' certi vetturi dawn iridu jigu ispecifikati b'regolamenti u ippubblikati – cjoe` biex fiz-zmien tar-rifjut irid ikum hemm fir-regolamenti li tali tip ta' vetturi ma jistghux jinsaqu f'Malta;

Fil-fatt inghata rifjut biex l-istess vettura tinsaq f'Malta u jinghad fis-sentenza:

“Bhala fatti, jirrizulta li l-attur kellu van tal-marka Isuzu, bin-numruY-1280, u ghal dan il-van kellu permess mahrug mill-awtorita` konvenuta ghall-garr tal-passiggieri. Dan il-permess kien ghal garage hire, ie., mhux chauffeur driven. Wara xi zmien, ghall-habta tal-1994, l-attur iddecieda li jnehhi l-van u floku jdahhal, ghall-istess garr tal-passiggieri, van iehor tal-marka Transit li kellu numru E-3107. Ghamel talba biex ikollu l-permess fuq dan it-Transit, minflok l-Isuzu, u mill-Awtorita` qalulu li biex seta` jinhariglu l-permess fuq it-Transit, kellu jikkonverti l-Isuzu biex ma jibqax tajjeb ghall-garr tal-passiggieri. Billi haseb li l-permess kien sejjer jinghatalu, l-attur ikkonverta l-Isuzu, izda, wara xi zmien, l-Awtorita` konvenuta gharrfitu, b`ittra tat-2 ta` Jannar, 1996, illi l-permess ma kienx sejjer jinghatalu; b`dik l-ittra, l-Awtorita` konvenuta infurmat lill-attur li t-talba tieghu ma setghetx tintlaqa` “fid-dawl tal-policies vigenti tal-Awtorita`”. L-attur talab indikazzjoni ta` dawk il-policies, izda baqa` minghajr sodisfazzjon. Fit-13 ta` Frar, 1996, l-attur fetah kawza biex jikkontesta r-rifjut tal-Awtorita` (citazzjoni numru 481/96). Din il-Qorti, b`decizjoni moghtija fid-9 ta` Marzu, 2001, laqghet it-talba tal-attur u hasret id-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta kontenuta fl-ittra tat-2 ta` Jannar, 1996. Biex waslet ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

“Fil-kaz tal-lum, l-awtorita` qieghda tghid illi cahdet it-talba ta` l-attur ghax dik it-talba kienet tmur kontra l-policy taghha. Dik il-policy, izda, ma kinitx pubblikata u lanqas waqt is-smiegh tal-kawza ma kien imfisser x`kienet dik il-policy jew ghal liema ragunijiet ta` policy kienet michuda t-talbata` l-attur. Ghalhekk, hemm biss il-kelma ta` l-awtorita` konvenuta li d-decizjoni taghha ma kinitx wahda arbitrarja; anzi, lanqas ma jista` jinghad li nghatat dik il-kelma ghax ir-rapprezentanti tal-konvenuta ma kinux jafu jfissru x`kienu r-ragunijiet li wasslu ghac-cahda tat-talba ta` l-attur.

Li l-awtorita` ghandha s-setgha li tfassal policy mehtiega biex jintlahaq il-ghan li jkun hemm sistema ta` transport pubbliku integrat sew, minghajr perikolu, ekonomiku u efficjenti, johrog mil-ligi li waqqfitha; izda, safejn il-policy tolqot drittijiet ta` terzi, bhal fil-hrug ta` licenzi, ghandha ssir bil-mezz li tipprovdi l-ligi stess fl-art. 27, li jaghti lill-attrici, bil-kunsens tal-ministru, is-setgha li taghmel regolamenti. Hekk il-kriterji ghall-hrug tal-licenzji mhux biss ikunu maghrufa minn kulhadd izda wkoll il-bazi tad-decizjonijiet tkun wahda oggettiva, u l-istess ghal kulhadd. Fil-kaz ta` l-attur, id-decizjoni li tkun michuda t-talba tieghu ttiehdet fuq bazi ta` policy li ma kinitx specifikata u mfissra kif trid il-ligi: ghalhekk id-decizjoni kienet wahda ultra vires”.

U f’dan il-kuntest il-Qorti regghet tefghet lura l-kaz lill-Awtorita` konvenuta biex terga’ tikkonsidra t-talba mill-gdid skont il-policies vigenti dak iz-zmien fl-2001. U sa hemmhekk kollox sewwa izda li gara kien:

“Wara din id-decizjoni, l-Awtorita` konvenuta damet hames snin biex tirrevedi l-posizzjoni, u b`ittra tat-12 ta` April, 2001, infurmat lill-attur li l-applikazzjoni tieghu

ma setghetx tigi milqugha peress li "fiz-zmien li inti applikajt, ma kienux jinhargu permessi ghall-vanijiet simili (Transit). Din il-policy kienet gia tezisti miz-zmien li dawn il-permessi kienu regolati mill-Kummissarju tal-Pulizija".

Il-Qorti tinnota li din l-ahhar ittra hija bazikament simili ghall-ittra tar-rifjut li kienet harget l-Awtorita` fit-2 ta` Jannar, 1996. It-tnejn jirreferu ghall-policies allura vigenti, izda dawn il-policies ma gewx spjegati jew pruvati. Fil-kawza precedenti, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` Marzu, 2001, kien gie rimarkat li l-Awtorita` ma kienetx f`pozizzjoni taghti tifsira ta` x`kienet il-policy, min minn ittiehdet u meta. L-anqas f`din il-kawza ma saret prova tal-ezistenza ta` din is-suppost policy. Jidher li din l-allegata policy giet segwita wara informazzjoni dwarha b`hearsay, ghax ebda minuta, cirkulari, ittra jew document ma gie ipprovdut biex jipprova l-ezistenza ta` din il-policy.

Din il-Qorti gia kellha okkazzjoni tikkunsidra dawn is-suppost policies. Fil-kawza "Axiaq vs Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta` Mejju, 2005 (u reformata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` Gunju, 2006, ghal dak li hu r-rimedju moghti) kien gie osservat li l-Awtorita` pubblika ma tistax tistrieh fuq policies li ma jkunux irrizultaw minn minn u meta ittiehdu. Gie rimarkat li bazi ta` policy ma tistax tkun "ghax hekk kien isir fil-passat", izda qabel ma tittiehed policy decision, irid isir studju xjentifiku u komprehensiv tas-sitwazzjoni. F`dik il-kawza, din il-Qorti kienet iddecidiet, li persuna ma tistax tigi mcahhda minn licenzja a bazi ta` policy li ma tirrizultax pruvata u lanqas it-tifsira u l-iskop taghha.

Anke f`din il-kawza, nonostante li l-Awtorita` kellha opportunita` f`zewg kawzi biex tipprova turi il-policy li a bazi taghha hadet id-decizjoni, ukoll ma saretx prova taghha. Mhux hekk biss, izda l-istess Awtorita` agixxiet b`dispett lejn din il-Qorti, ghax nonostante l-ordni biex taghti ragunijiet "fuq kriterji oggettivi pubblikati kif irid l-art. 27 tal-Kap. 332", hija injorat din l-ordni u regghet irriferiet, b`mod ghal kwantu vag, ghal policy li kienet tezisti fiz-zmien li l-permessi kienu regolati mill-Pulizija.

Li din is-suppost policy hi bla bazi tirrizulta wkoll minn ittra li Carmel Muscat, allura technical manager mal-Awtorita` konvenuta, kien baghat lill-konsulent legali tal-Awtorita` fit-28 ta` Dicembru, 1995 (esebita fl-atti tal-kawza citaz.481/96). F`din l-ittra, s-Sur Muscat jirrikmanda biex ma jinhareg il-permess peress li "as far as I know, no owner of a garage hire has been given such a permit". Ma saret ebda riferenza ghal xi cirkulari jew direttiva, izda l-bazi taghha kien biss il-memorja! Apparti dan, u nonostante ssuppost policy, is-Sur Muscat jghid, fl-istess ittra, li jiftakar kaz fejn permess simili kien, fuq kollox, inghata.

Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dizappunt taghha ghal mod kif il-files relattivi kienu jigu mizmuma mill-Awtorita` konvenuta. Hekk, per ezempju, wara li l-attur ghamel l-applikazzjoni mad-Direttur tat-Traffic ghall-permess, intalab il-parir tal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u dan b`ittra tal-1 ta` Dicembru, 2004. Id-Direttur tat-Traffic gie infurmat li l-applikant intalab iressaq il-vettura ghat-test, pero`, il-file tad-Direttur tat-Traffic jieqaf hemm, peress li l-Awtorita` konvenuta baqghet qatt ma infurmatu bir-rizultat tat-test u lanqas jekk kellhiex jew le oggezzjoni ghall-applikazzjoni li ghamel l-attur. Min naha l-ohra, mill-file tal-Awtorita` konvenuta, mhux biss ma jirrizultax x`kien ir-rizultat tat-test li sar, jekk sar, fuq il-vettura tal-attur, izda lanqas biss ma jirrizulta li l-attur kien gie mitlub jiehu l-vettura tieghu ghat-test. Fil-file tal-Awtorita` irrizulta biss kopja tal-applikazzjoni tal-attur, u ittra mit-technical manager mibghuta lill-attur biex dan icempillu. Mill-file ma jirrizultax b`liema mod il-kaz tal-attur gie trattat, u lanqas li l-attur intalab jaghti xi informazzjoni fuq il-vettura tieghu. Fil-fatt, gie konfermat li mill-file relattiv ma hemmx indikat kif u ghal liema raguni l-applikazzjoni tal-attur giet ghal darb`ohra rifjutata. Dan jikkonferma dak li qalet din il-Qorti aktar qabel, u cioe`, li r-rifjut ma sarx a bazi ta` kriterji oggettivi, izda a bazi ta` suppost policy li hadd ma seta` jixhed bi precis dwarha jew il-provenjenza taghha";

Illi hawn qed nidhaddtu fuq policies u fil-fatt f'dik il-kawza li saret imbaghad fl-2006 meta lil Nazzareno Fenech rega' inhariglu rifjut fuq terga policy li ma kenitx tezisti, l-Awtorita` tat-Trasport iddefendiet il-kaz billi qalet li snin wara kien intlehaq ftehim mar-rent-a-car association li ikun hemm biss permess wiehed ghal kull garage u ghalhekk dik il-policy ghandha tapplika illun sitt snin wara li giet ordnata mill-Qorti biex prattikament tohrog permess;

Izda l-Qorti esprimiet ruha kif intqal qabel – ikkwotata mill-appellanta w imsemmija hawn:

il-bran li l-appellant jikkwota jghid li japplika illum fil-kamp tal-ippjanar. Dan mhux talli ma japplikax ghax il-fattispecje differenti izda fil-ligi tat-trasport kien hemm car li wiehed ma jistax jigi negat permess jekk ma jkun hemm ebda regolament kontra l-ispeci tal-vettura w li dawn ir-regolamenti ikunu applikati qabel ma l-importatur jimporta l-vettura f'Malta – fil-fatt l-istess Awtorita` (MEPA) fil-kaz tal-Ippjanar mhux qed tapplika ir-Regolament 14 tal-A.L. 514 tal-2010 li wiehed ma jistax jaghmel applikazzjoni biex jittenta iwaqqa' bini illegali, ghal dawk l-applikazzjonijiet li kienu diga` dahlu qabel li dahal l-avviz legali. Izda fil-kaz de quo ghandna kaz (Art. 70) li mhux ma jistghux jigu accettati applikazzjonijiet izda li fl-istadju tad-decizjoni mill-1 ta' Jannar, 2011 ma jistghux izjed jinhargu permessi biex jissanzjonaw zvilupp fi proprjeta` skedata;

Ghaldaqstant l-istess eccezzjoni ghandha tigi ikkonfermata u l-appell michud fuq tali eccezzjoni;

Ghar-rigward in-nota f’dan l-appell irrispettivament meta l-istess sit gie skedat, illum biex dan it-Tribunal jaghti decizjoni irid bilfors jikkonsidra l-iskedar. L-appellant f’dan l-appell ihawwad l-items tal-iskeda u cjoe` l-iskedar ma’ arei protetti u areas ODZ li dawn tal-ahhar jitkellmu fuq zvilupp li sar wara Mejju, 2008, mentri dwar skedar kif inhu dan il-kaz ma taghti ebda terminu ta’ data. Oltre` dan jigi rilevat illi d-data ta’ Mejju, 2008 mhijiex id-data ta’ meta jigi ssanzjonat skont il-ligi izda d-data meta sar l-izvilupp w ghaldaqstant l-istess sottomissjonijiet tal-appellant f’dan l-appell ma jreggux;

Finalment skont l-istess skeda numru 2 tal-Kap. 504 l-istess Tribunal hu obbligat li jikkonsidra kull ostaklu ghall kull hrug ta’ permess u ghaldaqstant ghandu jezamina l-ligi fl-intier taghha anki f’dan l-istadju, kif del resto dejjem ghamel dwar illegalitajiet fuq is-sit li anki ma gewx ikkunsidrati mid-DCC jew mill-EPC, u ghandu jikkonsidra ghalhekk l-artikolu 70 u l-iskeda 6 tal-Kap. 504."

Ikkunsidra ulteriorment:

Il-mertu ta’ dan l-appell jirrigwarda talba ghas-sanzjonar ta’ tool shed ezistenti li ghandu superfici ta’ madwar 15 m.k..

Skond l-Awtorita’, s-sit jinsab ODZ fl-area maghrufa bhala Tal-Palma, Limiti ta’ L-Imgarr (Malta) u li hija indikata bhala:

• Area of High Landscape value (Degree of Protection 2);

• Area of Ecological Importance ; u

• Rural Conservation Area.

Din l-applikazzjoni giet rifjutata peress li :

• Tikser il-policy 2.4A (4) tal-Policy and Design Guidance on Agriculture, Farm Diversification and Stables peress li l-appellant ghandu jkun registrat bhala part-time farmer mad-Dipartiment tal-Agrikultura ghal mill-anqas sentejn qabel ma’ japplika;

• Is-sit jinsab f’ zona li hija Area of Ecological Importance u Area of High landscape Value u ghalhekk il-proposta tikser il-policy 2.4 A, Section 6, tal-Policy And Design Guidance on Agriculture, Farm Diversification and Stables, 2007 u l-policy NWLA 02 tal-pjan lokali;

• Jikser il- policies RCO 2, RCO 4 u RCO 8 tal-pjan ta’ struttura; u

• Il-proposta tikser il-PA Circulars 2/96 u 2/98 peress li jezisti zvilupp illegali fuq is-sit in ezami li jikkonsisti f’ hard u soft landscaping.

L-argumenti li tqajmu mill-partijiet fil-kors tas-smieh ta’ dan l-appell jistghu jigu migburin fil-qosor kif gej:

Fl-appell tieghu l-appellant jghid inter alia s-segwenti:

• Ghalkemm l-appellant mhux registrat bhala part-time farmer huwa ghandu kull dritt jgawdi l-propjeta tieghu;

• L-istruttura in ezami hija wahda pre-fabbrikata u temporanja tal-injam u din taqbel hafna mal-kuntest rurali;

• It-toolshed ma’ tidher minn imkien u ghalhekk ma’ tista tikser ebda policy li tittratta l-visual integrity tas-sit;

• Il-kamra giet rapportata minn kaccatur illegali li kien fuq l-art tal-appellant bla permess;

Fis-seduta tas-6 ta’ Lulju, 2011, l-Awtorita’, permezz tal-Avv. Dr. Anthony DeGaetano, issolevat l-eccezzjoni preliminari tal-Art. 70 Skeda 6 annessa mal-Att X, 2010, Kap. 504, billi qed jintalab sanar ta’ zvilupp illegali f’ area skedata;

Dwar dan, id-difiza tal-appellant hi fis-sens illi l-applikazzjoni ghas-sanzjonar tal-izvilupp saret fil-15 ta’ Mejju, 2008 waqt li l-iskedar tas-sit de quo sar diversi xhur wara permezz tal-Avviz Nru 1137 li kien gie ppublikat fiz-19 ta’ Dicembru, 2008. L-appellant ghalhekk issottometta li l-iskeda 6 annessa mal-Att X tal-2010 Kap. 504 titkellem dwar is-sanzjonar ta’ zvilupp li jkun sar wara Mejju, 2008 u ghalhekk mhix applikabbli ghall-kas in ezami.

Ikkunsidra ulteriorment:

Dan it-Tribunal kellu diversi okkazzjonijiet fejn giet ittrattata din l-eccezzjoni preliminary li ma’ jistax jsir sanctioning ta’ zvilupp illegali li hu f’ area skedata; fosthom l-appell fl-ismijiet Camelo Psaila vs MEPA, Appell 624/11, deciz fit-30 ta’ Jannar, 2014.

F’ dawn il-kazijiet jinhtieg li jsiru konsiderazzjinijet dwar is-segwenti:

• Liema ligi hi applikabbli, cioe hix dik meta sar l-izvilupp jew dik li tkun in vigore meta tigi deciza l-applikazzjoni; u

• Jekk il-ligi taghmilx riserva dwar l-applikabilita’ tal-Art. 70 u s-Sitt skeda tal-Kap. 504.

Fuq l-ewwel punt is-sentenza ta’ dan it-Tribunal fuq citata tghid is-segwenti:

“ Dwar liema ligi hi applikabbli, cioe’ jekk hix dik ta’ meta saret l-applikazzjoni jew dik meta tigi finalment deciza l-applikazzjoni, l-Awtorita’ ghamlet referenza ghal numru ta’ decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell li stabbilew il-principju li l-ligi applikabbli hi dik vigenti meta tigi deciza l-applikazzjoni.

Dan gie stabbilit b’sentenza fl-ismijiet ‘Angelo Farrugia vs Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar’ deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ April 1996 u dik f’ismijiet ‘Emanuel Mifsud vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp’ deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Mejju 1996. Dan gie kkonfermat b’sentenzi aktar ricenti tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fosthom ‘Stella Buttigieg vs Joseph Cordina vs MEPA deciza fid-29 ta’ Jannar 2009 RCP A.I.C. li ccitat sentenza precedenti tal-istess Qorti fl-ismijiet ‘Philip Micallef vs MEPA deciza fis-26 ta’ April 2007 fejn intqal is-segwenti :-

“Illi fil-fatt huwa principju legali kkonfermat guridizzjarjament li l-istess Bord u l-Awtorita’ huma tenuti li japplikaw l-ligi li tezisti waqt li tkun qed tigi determinate l-applikazzjoni u dan s’intendi japplika ukoll meta l-kas ikun quddiem il-Bord”. “

Fil-kas in ezami rrizulta li l-art giet skedata f’ Dicembru, 2008.

Fuq dan, fl-istess sentenza gia citata intqal is-segwenti:

“L-Artiklu 70(1) tal-Kap. 504 jitratta dwar ‘Supplimentary Provisions regarding permissions and licences’. Minn dan l-Artiklu huma eskluzi pero’ l-kazijiet elenkati fis-Sitt Skeda annessa mal-Att – fosthom dik numru 2 – applikazzjoni biex jigi regolarizzat zvilupp fi propjeta’ skedata.”

L-applikazzjoni prezenti qed titlob li jigi sanzjonat tool shed li nbiet f' area li llum hi skedata. Skond dan l-artikolu ghalhekk il-proposta ghas-sanzjonar tat-tool shed in ezami ma tistax tigi awtorizzata.

Fl-istess sentenza intqal in oltre is-segwenti:

"L-Artikolu 97 (1) tal-Kap. 504 jawtorizza lill-Ministru li jistabilixxi data permezz ta' avviz fil-gazzetta tal-Gvern meta jigu revokati l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp Kap. 356 u l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent, Kap. 435.

Dawn id-dati gew stabiliti bl-Avviz Legali 512 tal-2010 u l-Avviz Legali 513 tal-2010 rispettivament.

Bl-Avviz Legali 511 tal-2010 – Avviz ta' Bidu fis-sehh, giet stabbilita d-data tal-31 ta' Dicembru 2010 bhala d-data meta d-disposizzjoni ta' diversi Artikoli tal-Kap. 504 fosthom l-Artikolu 70 u s-sitt Skeda, dahlu fis-sehh.

L-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 356 li jirreferu ghall-komposizzjoni u funzjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma gewx revokati bl-Avviz Legali 512 tal-2001 billi skond l-Avviz Legali 27 tal-2011 –Planning Appeals Board and Environment and Planning Review Tribunal (Transitory Provisions) Regulations 2011 dawk l-appelli li kienu gew differiti ghas-sentenza qabel il-31 ta' Dicembru 2010, kellhom jigu decizi mill-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, cioe' skond il-Kap. 356 u mhux mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjananr skond il-Kap. 504. Skond l-istess Avviz Legali, l-appelli l-ohra kollha kellhom jigu decizi minn dan it-Tribunal."

Fic-cirkostanzi ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant, li billi l-izvilupp sar qabel Mejju, 2008, l-Artikolu 70 tal-Kap. 504 mhux applikabbli, mhix korretta, billi l-ligi dan ma tawtorizzahx.

It-Tribunal, ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma ir-rifjut mahrug mill-Aworita' ta' l-applikazzjoni PA 2438/08, tat-18 ta' Marzu, 2011, billi jilqa l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' li l-proposta ta' sanzjonar ta' zvilupp illegali f' area skedata, hi in kontravenzjoni tal-Artiklu 70 u s-Sitt skeda annessa mal-Att X tal-2010, Kap. 504.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. It-Tribunal zbalja meta ikkonsidra r-regolament tas-sanzjonar ta’ zviluppi f’zoni skedati meta dan ir-regolament dahal fis-sehh wara li kien gie introdott l-appell mid-decizjoni tal-Awtorita. L-appell kellu jigi deciz fuq ir-regolamenti in vigore meta kienet qed tigi deciza l-applikazzjoni mill-Awtorita, altrimenti l-appellant ma jistax jinghad li inghata smigh xieraq, u l-ghoti ta’ permess jigi rez soggettiv. In oltre d-determinazzjoni tal-appell ma sarx wara rikonsiderazzjoni tad-decizjoni moghtija mill-Awtorita fuq ir-regolamenti vigenti f’dak il-mument tad-decizjoni izda issostitwixxa l-Awtorita billi ddecieda fuq kwistjoni mhix investita mill-istess Awtorita ghax f’dak iz-zmien ma kienx hemm regolament li fuqu ddecieda t-Tribunal.

Il-Qorti tqis li dan l-appell qieghed bazikament jattakka l-applikabilita ta’ ligi li dahlet fis-sehh, skond l-appellant, fil-mori tal-appell. Bhala stat ta’ fatt it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi l-artikolu 70 u s-Sitt Skeda tal-Kap. 504 jipprekludi sanzjonar ta’ zvilupp f’zona skedata. L-appellant mhux jattakka l-ligi per se jew l-idoneita taghha ghal fatti in ezami. Hu qed jattakka invece l-applikabilita taghha fi stadju ta’ appell quddiem it-Tribunal peress illi din il-kwistjoni qamet wara li ttiehdet id-decizjoni mill-Awtorita u ghalhekk it-Tribunal mar oltre l-poter ta’ revizjoni li bih hu munit u ddecieda fuq kwistjoni li ma kinitx parti mid-decizjoni tal-Awtorita. Abbinat ma’ dan l-appellant jissottometti illi l-ligi applikabbli ghandha tkun dik vigenti fil-mument tad-decizjoni tal-Awtorita ghax altrimenti d-dritt tal-applikant li jinghata smigh xieraq jigi lez.

Bhala principju bazilari hu ormai issodat fil-gurisprudenza ghal dak li jirrigwarda ligijiet ta’ ppjanar li dawn huma mibnija u msejjsa fuq principji ta’ ordni pubbliku intizi fl-interess tas-socjeta in generali ghal ahjar uzu tal-art u preservazzjoni tal-ambjent naturali, arkeologiku, storiku u arkitettoniku Malti u Ghawdxi. Bhala tali kull applikazzjoni tikkostitwixxi biss talba biex persuna twettaq zvilupp f’sit. Ma jezisti ebda dritt a priori. Kull talba hi soggetta ghal ligi jew policy vigenti fil-mument li jinghata decizjoni finali, cioe meta tigi deciza finalment mill-Awtorita jekk ma jsirx appell quddiem it-Tribunal jew quddiem it-Tribunal jekk isir appell. Dan jinghad ghax hu fil-mument ta’ decizjoni finali li zvilupp jinghad hux kompatibbli ma’ dak li l-legislatur irid li jista’ jigi permess u wkoll ghaliex ghandu jkun hemm certezza ragonevoli li

zviluppi simili fil-mument ta' decizjoni jkunu jgawdu l-istess trattament. B'daqshekk ma jfissirx li persuna qed issofri zvantagg ghax kif bdil ta' ligi, pjan jew policy tista' tippegjora aspettattivi ta' applikant, bl-istess mod tista tavvantaggjahom.

Hu dan l-element ta' ordni pubbliku fejn l-interess tas-socjeta ghandu jipprevali fuq dak privat li jaghti certezza u ugwaljanza fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni liema certezza hi garantita fil-mument tad-decizjoni finali li tiddetermina t-talba tal-izvilupp skond il-ligijiet, pjanijiet u policies applikabbli. Ovvjament il-partijiet ghandhom dejjem jinghataw il-garanziji ta' smigh xieraq bl-opportunita li kwistjonijiet ta' tibdil fil-ligijiet, pjanijiet u policies li jsehhu fil-mori u li jistghu jimpingu direttament fuq il-mertu jigu mgharfa lil partijiet biex ikunu jistghu jidderiegu ruhhom u jargumentawhom qabel id-decizjoni finali. Fil-fatt harsa lejn l-atti tal-vertenza juri li l-kwistjoni tal-ligi dwar sanzjoni ta' zvilupp f'zoni skedati tqajmet fil-mori tal-appell u l-partijiet inghataw l-opportunita li jikkunsidrawha u jiddibattuha. Hu minnu illi fid-decizjoni taghha originali l-Awtorita ma ghamlitx referenza ghall-artikolu 70 u s-Sitt Skeda peress illi ma kinitx ghadha in vigore pero iddahhal fil-pendenza tal-istadju ta' rikonsiderazzjoni mitlub mill-applikant fejn lanqas hemm ma tqajment mill-Awtorita. Pero il-fatt li l-kwistjoni tqajmet fil-mori tal-appell ma jgib ebda nullita jew pregudizzju ghax bhala regolament li hu car u hu ta' ordni pubbliku, dan seta' jitqajjem mit-Tribunal innifsu, u anki minn din il-Qorti stess, basta li l-partijiet jinghataw l-opportunita li jirregolaw u jiddefendu ruhhom dwaru specjalment jekk il-kwistjoni jkollha aktar indoli legali milli teknici. F'dan il-kaz il-kwistjoni tqajment u l-partijiet argumentawh. Id-decizjoni tat-Tribunal giet appellata quddiem din il-Qorti fejn il-partijiet rega' kellhom l-opportunita li jergghu jiddibattuha.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi ma hemm ebda lezjoni.

Irid jigi deciz issa allura jekk fil-fatt l-applikabilita tal-artikolu 70 u s-Sitt Skeda kinitx wahda gusta fic-cirkostanzi.

Dan l-aggravju jkompli fuq l-ewwel wiehed. Hi gurisprudenza kostanti kif diga inghad, minhabba n-natura stess tal-ligijiet ta' ippjanar intizi fl-interess tas-socjeta in generali biex jirregolaw l-uzu u l-izvilupp tal-ambjent in generali u fl-ispecifiku u dan skond iz-zminijiet u l-

evoluzzjoni kontinwu tal-ambjent li nghixu fih, illi applikazzjoni ma tikkreja ebda drittijiet lil applikant izda biss talba jew xewqa jew anki aspettativa li jizivluppa s-sit soggett ghal applikazzjoni, dejjem jekk dan l-izvilupp hu kompatibbli mal-ligijiet, pjanijiet u policies vigenti fil-mument li tinghata d-decizjoni finali. Dan ma jikkreja ebda zvantagg fuq applikant ghax kif il-ligijiet ta' ippjanar jistghu jinbidlu biex jirrestringu zvilupp hekk ukoll jistghu jinbidlu biex jestenduh u l-applikazzjoni tibqa' miftuha ghal dawn l-izviluppi sad-decizjoni finali. Id-decizjoni tal-Awtorita ma tikkrejax drittijiet ghal applikant izda stat ta' fatt u, jekk ma jsirx ebda talba ta' rikonsiderazzjoni jew appell, allura f'dak il-mument dan l-istat ta' fatt jikkreja stat guridiku li jaghti dritt kwezit lil applikant in linea mal-permess li jkun inghata fiz-zmien meta applikazzjonijiet bl-istess fatti specie ghandhom jircevu l-istess trattament. Fl-invers ic-cahda ta' applikazzjoni ma tippredludix lil applikant milli jerga' japplika fuq binarju differenti jew anki l-istess jekk fi zmien wara jinbidlu l-ligijiet, pjanijiet jew policies li huma ta' natura mutabbli skond ic-cirkostanzi u l-bzonnijiet generali li jirrikjedi l-pajjiz. Il-gurisprudenza kostanti kienet u ghahda l-istess (ara fost ohrajn **Stella Buttigieg et vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** , App Inf 29/01/2009 u **Ted Mizzi vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, App Inf 29/01/2009, u decizjonijiet ohra moghtija minn din il-Qorti kif preseduta).

F'dan il-kuntest ma hux ta' ebda import il-kwistjoni ta' retroattivita ta' ligjijiet, pjanijiet u policies tal-ligi ta' ippjanar la darba huma l-ligijiet, pjanijiet u policies vigenti fil-mument tad-decizjoni finali li japplikaw ghad-determinazzjoni tal-izvilupp propost. Applikazzjoni ma takkwista ebda jedd awtomatiku ghal approvazzjoni izda biss talba fakolattiva maghmula min applikant ghal hrug ta' permess ghal zvilupp kif jixtieq l-istess applikant tenut in konsiderazzjoni kull ligi, pjan jew policy in vigore fil-mument tad-decizjoni finali, kemm jekk id-decizjoni tkun favur jew kontra l-interessi tal-applikant li huwa subordinat ghall-interess generali tas-socjeta u tal-ambjent u s-sostenibilita tal-pajjiz li nghixu fih, liema interess hu fdat lil entitajiet appoziti, approvati mill-Gvern biex jigi delineat u specifikat.

Madankollu fuq il-kwistjoni legali specifika ta' retroattiva l-insenjament li taghti l-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Jack M.A. Olin et vs Anthony Sant Portanier nomine** deciza fis-6 ta' Ottubru 2010 tinkapsula l-principji

regolaturi in materja fejn jinghad hekk:

> Huwa utli li jibda biex jigi osservat illi, kif deciz, "meta gudikant jew interpretu jigi biex japplika l-ligi ghall-kaz prattiku, l-ewwel tfittxija u indagni li ghandha ssir minnhom hija dik li jaraw liema ligi ghandha tigi applikata; u din in-necessita tidher aktar cara specjalment meta ligi gdida tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-ligi anterjuri. Dan aktar u aktar johrog car meta jigi kunsidrat fejn il-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkomincjament taghhom taht l-imperu tal-ligi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruhhom, f'din l-ahhar ipotesi (mhux fl-ewwel wahda tal-fatt kompjut), taht il-ligi l-gdida". ("**Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine**", Appell Civili, 12 ta' Mejju, 1950);
>
> Din il-predetta decizjoni tkompli tillustra fuq l-insenjament ta' awturi kontinentali illi f'tema ta' dritt transitorju ghandhom jigu rigwardati fost ohrajn dawn il-principji:-
>
> i. li l-attijiet jew it-trasferimenti huma regolati mil-ligi li tahtha jkunu gew kompjuti;
>
> ii. li l-attijiet mibdija taht il-ligi l-antika u li jestendu ruhhom taht il-gdida, ghandhom jigu regolati minn din ta' l-ahhar;
>
> iii. li meta jkun jezisti veru u proprju dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti, dak id-dritt ghandu effikacja fih innifsu li jirrezisti ghall-applikazzjoni tal-ligi l-gdida f'kaz ta' mutament tal-ligi anterjuri;

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, din il-Qorti tqis kif gia nghid illi applikazzjoni ghal zvilupp ma tikkostitwix dritt izda biss rieda u xewqa ghal zvilupp sakemm dan ikun permissibbli skond il-pjanijiet u policies vigenti meta jinhareg jew tigi rifjutata l-applikazzjoni. Dan ghaliex il-pjanijiet u policies jinbidlu jew jigu aggustati jew modifikati tul iz-zmien fl-interess generali tal-izvilupp sostenibbli fil-pajjiz u fejn allura l-interess pubbliku irid jipprevali fuq l-interess purament privat. Applikazzjoni mhix att kompjut jew terminat izda biss process

mibdi taht regim antik li jista' jestendi ruhu taht ligi gdida fejn allura ma japplikax u ma jigix regolat mir-regim l-antik izda dak gdid.

Din hi sitwazzjoni prevalenti fil-ligijiet ta' ppjanar kif tifhimha din il-Qorti, u ghalhekk it-Tribunal kellu kull dritt japplika l-artikolu 70 u Sitt Skeda kif ezistenti fiz-zmien li ttiehdet id-decizjoni. It-tibdil fil-ligi hu biss modifikazzjoni ta' kif ghandhom jittiehdu d-decizjonijiet li jolqtu zviluppi li ghadhom sotto skrutinju u mhux gia approvati f'liema kaz jikkostiwixxu dritt kwezit favur dak li favur tieghu gia ghandu permess. Din il-Qorti tqis li l-artikolu 70 u Sitt Skeda li jitratta l-effett retroattiv ta' ligijiet godda ghandu jitqies fil-kuntest tal-principju regolatur dwar dak li jikkostitwixxi att jew trasferiment kompjut u kwindi regolat bir-regim legali applikabbli fiz-zmien tal-att jew trasferiment.

Ic-certezza legali tohrog minn zewg fatti cioe illi l-applikazzjoni ma tikkreja ebda dritt u illi c-certezza legali tohrog mill-fatt stess li sad-data ta' decizjoni finali, kull applikazzjoni ghandha l-potenzjalita li tuzufruixxi minn kull ligi, pjan jew policy maghmula sa dak inhar basta li l-partijiet ikollhom il-possibilita li qabel id-decizjoni finali jgawdu mis-salvagwardji tal-principji ta' gustizzja naturali. B'dan il-mod ukoll ikun hemm uniformita u certezza fid-determinazzjoni ta applikazzjonijiet ta' zvilupp f'kull zmien partikolari.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Richard Tua u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-12 ta' Gunju 2014. Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------